MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 1840/2004

**Atlas Insurance Limited de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-asskikurata taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**Sullivan Maritime Limited bhala agent tas-socjeta' estera Atlantica SpA di Navigazione, armature u/jew noleggjatur tal-bastiment 'MV Eurostar Valencia' u The Cargo Handling Co Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu l-kundanna tas-socjetajiet konvenuti ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' sitt mija wiehed u tmenin Lira Maltin (LM681.00) in kwantu ghal sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM625.00) li sborsat a favur l-assikurat taghha Michael Attard Limited bhala indennizat (ghall-liema hlas is-socjeta' attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-

assigurat taghha) u in kwantu ghal sitaxx il-Lira Maltin (Lm16.00) li sborsat bhala ‘survey fees’ u dan wara li s-socjeta’ assikurata garrbet hsara f’konsenja ta’ tnax-il vettura Peugeot li waslu Malta fis-17 ta’ Ottubru, 2003 fuq il-bastiment MV Eurostar Valencia ghall-liema hsara kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Oltre d-danni, is-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ghandhom ihallsu l-ispejjez tal-kawza flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta Sullivan Maritime Limited fejn sollevat illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana stante lli s-socjeta’ konvenuta m’hijiex responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta’ attrici u dana minhabba li hija qdiet l-obbligu taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta’ attrici ghandha ggib prova tas-surroga moghtija a favur taghha.

Illi t-talba in konnessjoni mas-‘survey fees’ ghandha tigi michuda stante li ma tezisti l-ebda prova tal-istess.

Illi in oltre, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa eccessiv.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co Limited fejn sollevat illi d-danni ammontanti jekk jirrizultaw pruvati ma sehhewx waqt li l-vetturi ‘de quo’ kienu taht is-supervizjoni assoluta tas-socjeta’ eccipjenti;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa kontestat;

Salv eccezjonijiet ohra.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti fl-Atti tal-kawza;

Ra x-xhieda ta' Christian Gravina, Peter Saliba, John Falzon, Joe Piccinino, Manuel Portelli, Esther Cutajar, Ronnie Pellegrini;

It-Tribunal ra n-Nota tas-socjeta' attrici pprezentata fis-26 ta' Dicembru, 2005 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fl-ismijiet limitatament fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling Co Limited stante transazzjoni.

Sema' t-trattazjoni tad-difensuri tas-socjeta' attrici u s-socjeta konvenuta Sullivan Maritime Limited;

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghal rizarciment ta' danni subiti mil-assikurati tas-socjeta' attrici meta vetturi appartenenti lill-assigurati gew ikkonsjenati b'hsarat. Id-danni gew ikkawzati mill-konvenuti jew min minnhom.

Illi skond Nota pprezentata mis-socjeta' attrici l-istess socjeta' attrici cediet l-atti tal-kawza fl-ismijiet limitatament fil-konfront tas-socjeta' The Cargo Handling Co Limited stante transazzjoni. Jidher ghalhekk illi l-mertu tal-kawza gie ezawrit u t-Tribunal ghandu jidecciedi fuq l-ispejjez.

Fil-fehma tat-Tribunal, jidhirlu lli sabiex jasal ghal konkluzjoni gusta dwar min hu responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza ghandu joqghod fuq il-provi dokumentali u x-xhieda fl-atti tal-kawza.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli s-socjeta' attrici cedet il-kawza fil-konfront tal-Cargo Handling Co Limited stante transazzjoni fil-mori tal-kawza izda ma zammitx ferm l-ispejjez.

Wara li saret din ic-cessjoni s-socjeta' attrici kienet talbet lis-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited jiddikjaraw li qabel ma saret il-kawza ma kienux iprovdew

*it-tally sheets* taghhom lis-socjeta' attrici u l-anqas accettat li thallas ghal xi hsara jew nuqqas indikata *fit-tally sheets.*

Illi fix-xhieda ta' Manuel Portelli fis-27 ta' Gunju, 2006, Manager mas-socjeta' konvenuta Maritime Sullivan Limited, huwa ipprezenta dokumentazzjoni. Huwa xehed illi huma qatt ma kienu rcevew xi '*claim'* dwar id-danni reklamati. Jghid illi *tally sheets* kienu intbaghtu mill-assikurazzjoni meta din talbitna biex nghaddulha d-dokumenti, kif ircevejna l-*claim*, jien tajt ordni lil Esther Cutajar impjegata taghna, biex tibghat kopja tat-*tally sheet* lill-assikurazzjoni" Illi t-*Tally Sheets* ma ndikawx illi il-vetturi in kwistjoni kienu garrbu xi hsarat jew danni.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006 l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited iddikjara lli t-*tally sheets* qatt ma gew mghoddija lis-socjeta' attrici.

Illi fix-xhieda ta' Esther Cutajar, Claims Handling Clerk mas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited, hija tghid illi hija kienet bghatet ittra lil Brian Valenzia bil-lista tat-*tally sheets* u fi*t-tally sheets* kien hemm zewg claims li jappartjenu lil din il-kawza. Dawn gew mibghuta fl-10 ta' Marzu, 2004.

It-Tribunal huwa tal-fehma lli jezistu inkonsistenzi fix-xhieda tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited, u ghal-liema nkonsistenzi m'ghandhiex tbati s-socjeta' attrici. Ili ghalkemm is-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited ma kienetx responsabbli ghal hsarat, mid-dokumentazzjoni jirrizulta lli kien hemm xi nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn l-impjegati tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited.

Galhekk jidher illi gie ippruvat nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-impjegati tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited li wassal ghal proceduri odjerni, peress illi dokumenti rikjesti mis-socjeta' attrici u cioe' *t-tally sheets*, qatt ma kienu ntbaghtu u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi stante li l-kawza giet ceduta mis-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling

Company Limited it-Tribunal ma baqax jiehu konjizzjoni il-kaz fil-konfront ta' din is-socjeta' konvenuta. Illi t-Tribunal ghandu jiddeciedi dwar kif ghandhom jitqassmu l-ispejjez.

It-Tribunal huwa konvint illi l-agir tas-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited wassal ghal proceduri odjerni. It_Tribunal jifhem ukoll illi l-kawza fil-konfronttas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Co Limited giet ceduta izda s-socjeta' attrici ma zammitx ferm l-ispejjez.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi lli l-ispejjez tal-kawza ghandhom ibatuhom bin-nofs bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta Sullivan Maritime Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------